# PRIM AWLA TAL-QORTI CIVILI

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, l-Erbgha, 1 ta' Marzu 2023

**Rik. Nru. 187/2023ISB**

**Cashcade Limited,** socjeta' estera rregristrata r-Renju Unit bin-numru tar-registrazzjoni 03831781**, rapprezentata mill-mandatarju specjali taghha l-Avukat Michael Grech,** detentur tal-karta' tal-identita' numru 256775M, kif debitament awtorizzat

vs

**N1 Games Limited (C 93911)** ezercjenti l-kummerc bhala BGaming

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** ta' **tal-Avukat Michael Grech, detentur tal-karta tal-identita' numru 256775M ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Cashcade Limited, irregristrata r-Renju Unit bin-numru tar-registrazzjoni 03831781, bl-indirizz it-Tielet Sular, One New Change, Londra, EC4M 9AF, ir-Renju Unit, hekk kif debitament awtorizzat**

**permezz tal-prokura specjali,** li permezz tieghu wara li ppremetta dak hemmek premess, talab sabiex:

*fuq bazi provvizorja a tenur tal-Artikolu 8(1)(a) tal- Att li jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali (Kapitolu 488 tal-Ligijiet ta' Malta), tipprojbixxi lis-socjeta' intimata milli tkompli tikser id-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti qua propjetarja tat-trademarks registrati fl-Unjoni Ewropea li jghajtu n-numri ta' registrazzjoni 011866639 u/jew 005475652 u/jew 011866738 u/jew 018014699 u/jew 018014704 u/jew 18014705, u dan partikolarment billi tipprojbixxi lis-socjeta intimata milli tkompli taghmel uzu (i) mill-markju 'FOXY' (sia b'mod izolat u sia bhala parti minn 'Foxy Wild Heart'); (ii) mill-markju 'Foxy Wild Heart'; u (iii) mill-markju figurattiv* 

*jew minn kwalsiasi markju figurattiv iehor tal-istess volpi antrpomorfiku bl-isem 'Foxy', in konnessjoni mas-servizzi ta' online gambling provduti mis-socjeta intimata permezz tas-sit elettroniku [https://www.bgaming.com/games/foxy-wild-heart/ u/](https://www.bgaming.com/games/foxy-wild-heart/)jew in konnessjoni ma kwalsiasi servizz jew prodott iehor offrut mis-socjeta' intimata relatat mas-settur ta' online gambling.*

*Salv kwalsiasi provvediment iehor li dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra s-socjeta' intimata.*

U dan wara li gie premess is-segwenti:

1. *Illi s-socjeta' rikorrenti hija kumpanija imwaqqfa fir-Renju Unit fis-sena elfejn u wiehed (2001) u topera fis-settur ta' online gambling. Is-socjeta' rikorrenti ilha toffri s-servizzi taghha gewwa r-Renju Unit kif ukoll f'pajjizi li huma Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, inkluz f'Malta, ghal iktar minn ghoxrin (20) sena;*

2. *Illi s-socjeta' rikorrenti tiffurma parti mill-grupp ta' kumpaniji maghruf bhala Entain Group, wiehed mill-iktar gruppi prominenti fis-settur ta' sports betting u gaming fid-dinja;*

3. *Illi s-socjeta' rikorrenti hija proprjetarja ta' numru ta' trademarks in konnessjoni mad-ditta taghha 'FOXY', maghrufa globalment fis-settur ta' online gambling, u b'mod partikolari is-siti elettronici 'FOXY BINGO', u 'FOXY GAMES' gja 'FOXY CASINO'[1];*

4. *Illi t-trademarks suriferiti jinkludu il-kliem 'FOXY', 'FOXY BINGO, and 'FOXY GAMES', kif ukoll diversi trademarks figurattivi, inkluz ta' karattru li jiehu l-forma tal-volpi antropomorfiku*



*[2], maghruf bhala 'FOXY', li jservi bhala l-maskot uzat fis-siti elettronici ta' online gambling suriferiti u l-pjattaformi relatati, hekk kif jirrizulta mill-estratti tas-siti elettronici fuq imsemmija hawn annessi u mmarkati bhala bhala* ***Dok. B*** *sa* ***Dok. E****;*

5. *Illi s-socjeta' rikorrenti holqot id-ditta taghha 'FOXY' u l-markji relattivi, inkluz dawk figurattivi relatati mal-maskot ta' tali ditta bl-istess isem 'FOXY', fis-sena elfejn u hamsa (2005) ghas-sit elettroniku ta' online bingo maghruf bhala 'FOXY BINGO'[3], u f'dawn l-ahhar sbatax-il (17) sena hadmet sabiex tibni u tespandi din id-ditta li llum hija maghrufa globalment bhala wahda mill-aktar ditti prominenti u rikonoxxibbli fis-suq ta' online gambling kemm fir-Renju Unit kif ukoll fl-Istati Membri ta' Unjoni Ewropea. Di fatti, 'il fuq minn tlett mitt elf (300,000) gugatur zaru s-siti elettronici suriferiti[4] fis-sena elfejn u wiehed u ghoxrin (2021);*

6. *Illi it-trademarks relevanti proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti rregistrati mal-Ufficju tal-Unjoni Ewropea ghall-Proprjeta' Intelletwali (l-'EUIPO'), huma senjatament:*

*i. It-trademark tal-Unjoni Ewropea bin-numru 011866639 li jikkonsisti fil-kelma (word mark) 'FOXY', irregistrat nhar l-erbgha (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), klassifikazzjonijiet internazzjonali 9 u 41 skont il-Ftehim ta' Nizza, hekk kif jirrizulta mill-estratt tar-Registru tal-Unjoni*

---

1 https://www.foxybingo.com/ u https://www.foxygames.com/.
2 *Trademark* tas-socjeta rikorrenti rregistrata fl-Unjoni Ewropea bin-numru ta' registrazzjoni 018014699.
3 https://www.foxybingo.com/.
4 https://www.foxybingo.com/ u https://www.foxygames.com/.

*Ewropea ghat-Trademarks hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. F;***

*ii. It-trademark tal-Unjoni Ewropea bin-numru 005475652 li jikkonsisti fil-kliem 'FOXY BINGO', irregistrat nhar il-hmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgha (2007), klassifikazzjonijiet internazzjonali 9, 41, u 42 skont il-Ftehim ta' Nizza, hekk kif jirrizulta mill-estratt tar-Registru tal-Unjoni Ewropea ghat-Trademarks hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. G;***

*iii. It-trademark tal-Unjoni Ewropea bin-numru 011866738 ossia t-trademark figurattiv taht l-isem 'Foxy Bingo.com', irregistrat nhar il-hdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), klassifikazzjonijiet internazzjonali 9, 38, 41, u 42 skont il-Ftehim ta' Nizza, hekk kif jirrizulta mill-estratt tar-Registru tal-Unjoni Ewropea ghat-Trademarks hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. H****;*

*iv. It-trademark tal-Unjoni Ewropea bin-numru 018014699 ossia t-trademark figurattiv*  *, irregistrat nhar it-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), klassifikazzjonjiet internazzjonali 9 u 41 skont il-Ftehim ta' Nizza, hekk kif jirrizulta mill-estratt tar-Registru tal-Unjoni Ewropea ghat-Trademarks hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. I****;*

*v. It-trademark tal-Unjoni Ewropea bin-numru 018014704 ossia t-trademark figurattiv*  *, irregistrat nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), klassifikazzjonjiet internazzjonali 9 u 41 skont il-Ftehim ta' Nizza, hekk kif jirrizulta mill-estratt tar-Registru tal-Unjoni Ewropea ghat-Trademarks hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. J****;*

*vi. It-trademark tal-Unjoni Ewropea bin-numru 18014705 ossia t-trademark figurattiv*  *, irregistrat nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), klassifikazzjonijiet internazzjonali 9 u 41 skont il-Ftehim ta' Nizza, hekk kif jirrizulta mill-estratt tar-Registru tal-Unjoni Ewropea ghat-Trademarks hawn anness u mmarkat bhala* ***Dok. K****;*

7. *Illi s-socjeta' rikorrenti giet a konoxxenza tal-fatt li s-socjeta' intimata, li topera fl-istess suq tas-socjeta rikorrenti ossia dak tal-online gambling, minghajr il-kunsens tal-istess socjeta' rikorrenti, qieghda illecitament u abbuzivament tuzufruwixxi ruhha minn numru ta' markji konessi mal-online casino game offruta mill-istess socjeta' rikorrenti bl-isem 'Foxy Wild Heart' fuq is-sit elettroniku taghha https://www.bgaming.com/games/foxy-wild-heart/ (estratti ta' liema huma hawn annessi u mmarkati bhala* ***Dok. L*** *sa* ***Dok. P****), liema uzu jammonta ghal numru ta' vjolazzjonijiet lampanti tad-drittijiet ta' proprjeta intellettwali appartenenti lill-istess socjeta' rikorrenti qua propjetarja tat-trademarks suriferiti;*

8. *Illi tali vjolazzjonijiet jikkonsistu senjatement fis-segwenti:*

*i. L-uzu ta' markju li jikkonsisti fi kliem (word mark) identiku ghat-trademark proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti li jikkonsisti fil-kelma 'FOXY'*[5] *in konessjoni mal-online casino game 'Foxy Wild Heart', sia b'mod izolat u sia bhala parti mill-isem 'Foxy Wild Heart';*

*ii. L-uzu tal-markju 'Foxy Wild Heart' bhala l-isem tal-online casino game operata mill-istess socjeta' intimata fuq is-sit elettroniku taghha*[6] *stante illi tali uzu b'mod innegabbli jgib mieghu il-probabbilta' ta' konfuzjoni u/jew assocjazzjoni da*

[5] Registrata fl-Unjoni Ewropea bin-numru tar-registrazzjoni 011866639.
[6] https://www.bgaming.com/games/foxy-wild-heart/.

*parte tal-pubbliku mat-trademarks suriferiti proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti relatati mad-ditta 'FOXY';*

*iii. L-uzu tal-markju figurattiv ta' karattru ta' volpi antropomorfiku* 

*(jew l-uzu ta' numru ta' markji relatati mal-istess karattru) li qieghed jintuza bhala l-maskot tal-online casino game 'Foxy Wild Heart' stante illi tali markju figurattiv huwa kwazi identiku u ferm simili ghall-karattru ta' volpi antropomorfiku maghruf bhala 'FOXY' (vide t-trademarks figurattivi suriferiti inkluz inter alia*  *)*[7] *li jservi bhala l-maskot tad-ditta 'FOXY' u jintuza inter alia fuq is-siti elettronici tal-online gambling 'FOXY BINGO' u 'FOXY GAMES'*[8]*, fuq liema volpi antropomorfiku s-socjeta' rikorrenti hija l-proprjetarja ta' numru ta' trademarks figurattivi, hekk kif spjegat supra.*[9] *L-uzu ta' tali karattru ossia l-karattru ta' volpi antropomorfiku* 

*u l-markji kollha l-ohra, jekk hemm, assocjati ma' tali karattru bla dubju jgibu maghhom il-probabbilta' ta' konfuzjoni u/jew assocjazzjoni da parte tal-pubbliku mat-trademarks figurattivi suriferiti relatati mad-ditta 'FOXY' li huma proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti*[10]*;*

9. *Illi l-imsemmija vjolazzjonijiet huma mfissra f'aktar dettall kif gej:*

***L-uzu ta' markju identiku ghat-trademark proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti li jikkonsisti fil-kelma 'FOXY'*[11] *da parte tas-socjeta' initmata***

[7] Registrata fl-Unjoni Ewropea bin-numru tar-registrazzjoni 018014699.
[8] https://www.foxybingo.com/ u https://www.foxygames.com/.
[9] Registrati fl-Unjoni Ewropea bin-numru tar-registrazzjoni 018014699, 018014704, and 018014705.
[10] Ibid.
[11] Registrata fl-Unjoni Ewropea bin-numru tar-registrazzjoni 011866639.

10. *Illi, fl-ewwel lok, u hekk kif jirrizulta mid-deskrizzjoni tal-loghba 'Foxy Wild Heart' li hemm fuq is-sit elettroniku tas-socjeta intimata*[12] *(vide l-estratt anness bhala Dok. P), huwa evidenti li s-socjeta intimata qed tuza markju li jikkonsisti fi kliem identiku ghat-trademark proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti li jikkonsisti fil-kelma 'FOXY'*[13]*. Inoltre, jirrizulta wkoll li tali markju qieghed jintuza mis-socjeta' intimata mhux biss in konnessjoni ma' servizz identiku ghal dak li ghalih it-trademark tas-socjeta' rikorrenti gie rregistrat, ossia fis-settur tal-online gambling, izda propju fl-istess kuntest ossia bhala l-isem tal-maskot tal-loghba. Oltre minn hekk, jinghad ukoll illi l-maskot uzat mis-socjeta' intimata taht l-isem 'FOXY' huwa karattru li jiehu l-forma ta' volpi antropomorfiku, precizament l-istess forma li jiehu l-maskot tal-volpi antropomorfiku bl-istess isem uzat mis-socjeta' rikorrenti;*

11. *Illi, di piu, is-socjeta' intimata mhux biss qieghda tuza tali markju li huwa identiku ghat-trademark proprjeta' tas-socjeta rikorrenti li jikkonsisti fil-kelma 'FOXY'*[14] *b'mod izolat kif gie spjegat supra, izda qieghda tuzah ukoll bhala parti mill-isem tal-loghba tal-istess socjeta intimata 'Foxy Wild Heart'*[15]*;*

12. *Illi, konsegwentement, l-uzu tal-markju 'Foxy' da parte tas-socjeta' intimata, sia b'mod izolat u sia parti minn 'Foxy Wild Heart', jikkostitwixxi vjolazzjoni lampanti tad-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti qua proprjetarja tat-trademark li jikkonsisti fil-kelma 'FOXY'*[16] *hekk kif protetti mill-Artikolu 12(4)(a) tal-Att dwar it-Trademarks (Kapitolu 597 tal-Ligijiet ta' Malta) u mill-Artikolu 9(2)(a) tar-Regolament 2017/1001 tal-Unjoni Ewropea ("on the European Union trade mark"), stante illi l-markju li qieghed jintuza mis-socjeta intimata huwa identiku ghall-imsemmi trademark proprjeta' tas-socjeta rikorrenti, u, inoltre, qieghed jintuza in konnessjoni mas-servizz li ghalih gie rregistrat u precizament fl-istess kuntest li fih jintuza;*

---

[12] https://www.bgaming.com/games/foxy-wild-heart/.
[13] Registrata fl-Unjoni Ewropea bin-numru tar-registrazzjoni 011866639.
[14] Ibid.
[15] *Vide* l-estratti annessi bhala Dok. L sa Dok. P;
[16] Ibid.

***L-uzu tas-socjeta' intimata tal-markju 'Foxy Wild Heart'***

13. *Illi qabel ma tindirizza r-ragunijiet specifici li jaghtu lok ghal tali ksur, is-socjeta' rikorrenti thoss li jkun prudenti li tipprovdi riassunt ta' whud mill-principji u l-gurisprudenza fuq l-uzu ta' markji li jistghu jaghtu lok ghall-konfuzjoni u/jew assocjazzjoni min-naha tal-pubbliku ma' markju iehor jew trademark;*

14. *Illi, fl-ewwel lok, jigi rilevat illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza kemm nostrana u kif ukoll dik tal-Qrati tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea li markju ghandu jigi kkunsidrat fl-intier tieghu sabiex wiehed jiddetermina jekk hemmx probabbilta' ta' konfuzjoni o meno, u, per konsegwenza, biex jiddetermina jekk hemmx ksur tad-drittijiet relatati ma' trademark o meno. Dan huwa ghaliex il-konsumatur komuni jippercepixxi trademark fit-totalita' tieghu, minghajr ma jaghti wisq attenzjoni lill-karatteristici sekondarji jew inqas prominenti li markju talvolta jista' jkollu. Ghalhekk, hija l-idea principali jew dominanti tal-markju u l-karatteristici ewlenin tieghu li jibqghu f'mohh il-konsumatur, u mhux xi karatteristici jew dettalji specifici;*

15. *Illi ssir referenza hawnhekk ghat-taghlim li joffri l-awtur* ***Kerly****, li fuq dan il-punt jghid is-segwenti;*

> *"**Two marks, when placed side by side, may exhibit many and various differences, yet the main idea left on the mind by both may be the same**; so that a person acquainted with the mark first registered, and not having the two side by side for comparison, might well be deceived, if the goods were allowed to be impressed with the second mark, into a belief that he was dealing with goods which bore the same mark as that with which he was acquainted. Take, for example, a mark representing a game of football; another mark may show players in a different dress, and in very different positions, and yet the idea conveyed by each might be simply a game of football. **It would be too much to expect that persons dealing with trade-marked goods, and relying, as they frequently do, upon marks, should be able to remember***

***the exact details of the marks upon the goods with which they are in the habit of dealing**."*[17] *[enfazi mizjuda]* [18]

16. *Illi, oltre minn hekk, il-gurisprudenza relevanti taghti wkoll importanza lill-interdipendenza bejn il-fatturi rilevanti biex tigi stabbilita l-probabbilta' ta' konfuzjoni o meno. Ad ezempju, meta markju jintuza fl-istess kuntest jew f'kuntest simili ghal dak li fih jintuza markju antecedenti, bhal fl-istess servizz jew fil-bejgh tal-istess tip ta' prodotti, il-probabbilta' ta' konfuzjoni tizdied b'mod esponenzjali, u, ghalhekk, livell inqas ta' similarita' bejn il-markji huwa necessarju sabiex jaghti lok ghal konfuzjoni da parte tal-pubbliku. Hawnhekk, issir referenza ghall-kaz* ***Canon Kabushiki Kaisha vs Metro-Goldwyn-Mayer Inc**.*[19]*, fejn il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea ttenniet li:*

> *"A global assessment of the likelihood of confusion implies some interdependence between the relevant factors, and in particular a similarity between the trade marks and between these goods or services.* ***Accordingly, a lesser degree of similarity between these goods or services may be offset by a greater degree of similarity between the marks, and vice versa.*** *The interdependence of these factors is expressly mentioned in the tenth recital of the preamble to the Directive, which states that it is indispensable to give an interpretation of the concept of similarity in relation to the likelihood of confusion, the appreciation of which depends, in particular, on the recognition of the trade mark on the market and the degree of similarity between the mark and the sign and between the goods or services identified"*[20] *[emphasis added]*

17. *Illi l-gurisprudenza tal-Qrati tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea hija ukoll konsistenti fis-sens illi f'kazijiet fejn markji jikkonsistu f'kelma jew kliem (word marks), hija l-ewwel parti tal-markju li l-iktar tigbed l-attenzjoni tal-konsumatur. Kif sostniet il-Qorti tal-Gustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kaz* ***El Corte Inglés, SA***

---

[17] Kerly: Law of Trade Marks and Trade Names (9 Paragrafu, 838).
[18] *Vide* ukoll fuq dan il-punt *inter alia* **Dr Pio Valletta noe vs Borg and Aquilina Limited et**., Qorti tal-Appell, 13 ta' Lulju 2001, 1341/96.
[19] Kaz C-39/97.
[20] *Vide* wkoll fuq dan il-punt is s-sentenza fl-ismijiet **Boston Scientific Ltd vs Office for Harmonisation in the Internal Market (Trade Marks and Designs) (OHIM)**, il-Qorti ta' Gustizzja tal-Unjoni Ewropea, Kaz T-325/06 u l-gurisprudenza estensiva citata fl-istess sentenza.

***vs l-Ufficcju ghall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trademarks u Disinni) (UASI)**:*

> *"Second, the first two syllables of the opposing signs forming the prefix 'mundi' are the same. In that respect, **it should again be emphasised that the attention of the consumer is usually directed to the beginning of the word.** Those features make the sound very similar."[21] [enfazi mizjuda]*

18. *Illi, tenut kont tal-principji u l-kunsiderazzjonijiet fuq imsemmija, ghandu ghalhekk jigi osservat li l-idea principali jew dominanti li tithalla f'mohh il-konsumatur normali meta jippercepixxi l-markju 'Foxy Wild Heart' hija bla dubju dik ta' loghba fis-settur ta' online gambling b'isem assocjat mal-kelma 'Foxy', idea li certament tohloq probabbilta' ta' konfuzjoni u/jew assocjazzjoni f'ghajnejn il-pubbliku mat-trademarks tas-socjeta' rikorrenti relatati mad-ditta 'FOXY' suriferiti;*

19. *Illi, tenut kont ukoll tal-fatt li l-konsumaturi huma generalment diretti lejn l-ewwel parti ta' markju hekk kif gie osservat permezz tal-gurisprudenza su citata, tali probabbilta' ta' konfuzjoni u/jew assocjazzjoni tizdied aktar meta wiehed jitqies li l-markju 'Foxy Wild Heart' mhux biss jinkludi l-kelma 'Foxy', izda jibda propju biha. Jinghad ukoll illi, oltre ghax-xebh generali bejn iz-zewg markji, tezisti similarita' fonetika bejn iz-zewg marki partikolarment bl-uzu ta' element fonetiku distintiv bhal 'Foxy' li huwa inkluz fiz-zewg markji. Maghdud ma' dan, jigi mfakkar ukoll li s-socjeta' rikorrenti tgawdi minn trademark propju fuq il-kelma 'FOXY'[22] nnifisha, fattur iehor li jzid mal-probabbilta' ta' konfuzjoni u/jew assocjazzjoni f'ghajnejn il-pubbliku f'dan ir-rigward;*

20. *Illi, di piu, m'ghandux jintesa li l-markju 'Foxy Wild Heart' uzat mis-socjeta intimata, qieghed jintuza propju in konnessjoni ma' servizzi identici ghal dawk provduti mis-socjeta' rikorrenti taht il-markji infraskritti, ossia s-settur tal-online gambling;*

---

[21] Ara wkoll fuq dan il-punt **Gerard Meric v Office for Harmonization in the Internal Market (Trade Marks and Designs) (OHIM)**, **Bally Schuhfabriken Aktiengesellschaft v Ballislife LLC**, u **Infinite Cycle Works Ltd v Office for Harmonisation in the Internal Market (Trade Marks and Designs) (OHIM)**.

[22] Ibid.

21. *Illi, inoltre, ir-rabta bejn l-inkluzjoni tal-kelma 'Foxy' fl-isem 'Foxy Wild Heart', u l-uzu ta' maskot bl-istess isem 'Foxy' fl-istess loghba, igibu maghhom ukoll il-potenzjal konkret li konsumaturi jassocjaw il-karattru bl-isem 'Foxy' mal-lobgha 'Foxy Wild Heart'. Dan qieghed jinghad ghaliex is-siti elettronici assocjati mad-ditta tas-socjeta' rikorrenti 'FOXY'*[23] *u t-trademarks proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti assocjati ma' tali ditta bl-istess mod jinkludu maskot ta' karattru li jiehu l-forma ta' volpi antropomorfiku li huwa wkoll msemmi 'FOXY'. Dawn l-assocjazzjonijiet izidu konsiderevolment mal-potenzjal konkret illi l-pubbliku ser ihawdu u/jew jassocjaw il-markju 'Foxy Wild Heart' mat-trademarks kollha tas-socjeta' rikorrenti relatati mad-ditta 'FOXY' fuq imsemmija;*

22. *Illi, in konkluzjoni, u tenut kont tas-similarita' innegabbli li tezisti bejn il-markju 'Foxy Wild Heart' u l-varji trademarks proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti relatati mad-ditta 'FOXY' appena elenkati, u tenut kont ukoll tal-interdipendenza bejn il-fatturi kollha suriferiti, huwa evidenti li l-uzu tal-markju 'Foxy Wild Heart' jikkostitwixxi vjolazzjoni flagranti tad-drittijiet ta' proprjeta' intelletwali tas-socjeta' rikorrenti qua proprjetarja tat-trademarks registrati fl-Unjoni Ewropeja bin-numri tar-registrazzjoni 011866639 u/jew 005475652 u/jew 011866738 u/jew 018014699 u/jew 018014704 u/jew 018014705 hekk kif protetti mis-subincizi (b), u (c) tal-Artikolu 12(4) tal-Att Dwar it-Trademarks (Kapitolu 597 tal-Ligijiet ta' Malta) kif ukoll mis-subincizi (b), u (c) tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2017/1001 tal-Unjoni Ewropea 2017/1001 ("on the European Union trade mark");*

***L-uzu tal-karattru li jiehu l-forma ta' volpi antropomorfiku msejjah 'Foxy' bhala l-maskot tal-loghba 'Foxy Wild Heart' da parte tas-socjeta' intimata***

23. *Illi fl-ewwel lok, u a skans ta' ripetizzjoni, issir referenza ghall-gurisprudenza u d-duttrina imsemmija fejn gie stabbilit li l-konsumatur jippercepixxi markju fl-intier tieghu, minghajr ma jaghti wisq importanza lid-dettalji inqas sinifikanti jew lill-attributi sekondarji tieghu. Premess dan, wiehed ma jistax ma jinnotax li s-similarita' generali bejn il-markju figurattivi msemmija li qed*

[23] https://www.foxybingo.com/ u https://www.foxygames.com/.

*jintuzaw mis-socjeta' intimata u t-trademarks figurattivi proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti*[24]*. L-idea dominanti jew ewlenija li tibqa' f'mohh il-konsumaturi meta jippercepixxu dawn il-markji rispettivi hija b'mod innegabbli dik ta' karattru ta' volpi antropomorfiku li qieghed jintuza bhala l-maskot li qed jintuza fil-kuntest tal-loghob fis-settur ta' online gambling. Ghalhekk, il-probabbilta' ta' konfuzjoni u/jew assocjazzjoni bejn il-markju figurattiv suriferit (jew markji figurattivi) uzat mis-socjeta' intimata u t-trademarks figurattivi tas-socjeta rikorrenti f'ghajnejn il-pubbliku hija cara ictu oculi;*

24. *Illi, inoltre, u ghal darb'ohra b'referenza ghall-gurisprudenza u d-duttrina su citata, ghandu jigi nnutat li l-markju (jew markji) figurattiv fuq msemmi li qed jintuza mis-socjeta' intimata relatat mal-karattru tal-volpi antropomorfiku bl-isem 'Foxy' qed jintuza precizament in konnessjoni mal-istess servizz li ghalihom it-trademarks figurattivi tas-socjeta' rikorrenti*[25] *huma rregistrati, li jfisser illi grad inqas ta' similarita' hija mehtiega sabiex ikun hemm probabbilta' ta' konfuzjoni/assocjazzjoni da parte tal-pubbliku, u dana naturalment qed jinghad minkejja l-fatt li in ogni caso fil-kaz odjern jezisti livell gholi ta' similarita' bejn dawn it-trademarks rispettivi. Di piu, wiehed ma jistax ma josservax li s-socjeta' intimata mhux biss qed tuza l-markju (jew markji) figurattiv fuq imsemmi fir-rigward tal-istess servizz li ghalih huma rregistrati t-trademarks figurattivi tas-socjeta' rikorrenti, izda, addizzjonalment, qed tuzah precizament fl-istess kuntest li jintuzaw t-trademarks figurattivi tas-socjeta' rikorrenti, ossia bhala l-maskot ta' loghob fis-settur ta' online gambling, fatt li aktar u aktar jikkonferma li grad ferm inqas ta' similarita' hija mehtiega sabiex iwassal ghal konfuzjoni da parte tal-pubbliku f'dan ir-rigward;*

25. *Illi tenut kont ta' dan kollu, m'ghandu jkun hemm l-ebda dubju li l-uzu l-markju (jew markji) figurattiv ta' karattru ta' volpi antropomorfiku msejjah 'FOXY' min-naha tas-socjeta' intimata jgib mieghu il-probabbilta' konkreta ta' konfuzjoni u/jew assocjazzjoni min-naha tal-pubbliku mal-markji figurattivi tas-socjeta' rikorrenti relatati mal-karattru tal-volpi antropomorfiku tal-istess isem*[26]*,*

---

[24] Ibid.
[25] Ibid.
[26] Registrati fl-Unjoni Ewropea bin-numru tar-registrazzjoni 018014699, 018014704, u 018014705.

*specjalment meta tigi kkunsidrata l-interdipendenza tal-fatturi kollha msemmija. Ghalhekk, l-uzu ta' dan il-markju (jew markji) mis-socjeta' intimata wkoll jammonta ghal ksur car tad-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti qua propjetarja tat-trademarks figurattivi registrati fl-Unjoni Ewropeja bin-numri tar-registrazzjoni bin-numri ta' registrazzjoni 018014699 u/jew 018014704 u/jew 018014705 hekk kif protetti mis-subartikoli (b) u/jew (c) tal-Artikolu 12(4) tal-Att dwar it-Trademarks (Kapitolu 597 tal-Ligijiet ta' Malta), kif ukoll mis-subartikoli (b) u/jew (c) tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament 2017/1001 tal-Unjoni Ewropea ("on the European Union trade mark");*

26. *Illi, apparti dak sottomess supra in konnessjoni mat-tlett vjolazzjonijiet imsemmija, jigi osservat ulterjorment illi ghalkemm l-uzu tat-tliet markji (jew kategoriji ta' markji) uzati mis-socjeta' intimata fuq imsemmija jammonta ghal diversi vjolazzjonijiet tad-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti qua proprjetarja tat-trademarks fuq imsemmija meta jigu kkunsidrati separatement in vacuo, tali vjolazzjonijiet huma aktar amplifikati meta titqies l-interdipendenza u r-rabta intrinsika ezistenti bejn il-markji kollha utilizzati mis-socjeta' rikorrenti fir-rigward tal-online casino game 'Foxy Wild Heart' u l-istess interdipendenza u rabta intrinsika li hemm bejn it-trademarks kollha proprjeta' tas-socjeta rikorrenti relatati mad-ditta 'FOXY'. Naturalment, dan qed jinghad ghaliex tali interdipendenza u rabtiet ikomplu jzidu mal-probabbilta' ta' konfuzjoni u/jew assocjazzjoni da parte tal-pubbliku bejn il-markji uzati mis-socjeta' intimata u t-trademarks kollha suriferiti proprjeta' tas-socjeta rikorrenti u d-ditta 'FOXY';*

27. *Illi jsegwi ukoll illi, permezz tal-uzu tal-imsemmija markji u l-konsegwenti vjolazzjonijiet tad-drittijiet ta' proprjeta' intelletwali tas-socjeta' rikorrenti, is-socjeta' intimata qieghda tapprofitta ruhha illecitament mir-reputazzjoni tal-markji kollha relatati mad-ditta 'FOXY' li s-socjeta' rikorrenti hadmet tant sabiex tistabbilixxi. Oltre minn hekk, jezisti wkoll il-periklu konkret li tali uzu jwassal ghal hsara irrimedjabbli fil-forma ta' dak li huwa maghruf fl-isfera tat-trademarks bhala d-dilution/whittling away/blurring tad-diversi trademarks proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti fuq imsemmija, kif ukoll ghad-degradazzjoni (jew tarnishment) tar-reputazzjoni tal-istess*

*trademarks kemm hawn Malta kif ukoll fl-Istati Membri l-ohra tal-Unjoni Ewropea;*

28. *Illi s-socjeta' rikorrenti interpellat lis-socjeta' intimata diversi drabi sabiex twaqqaf l-uzu tal-markji suriferiti (inluz permezz tal-ittra li hija hawn annessa u mmarkata bhala* ***Dok. Q****), izda l-istess socjeta' intimata ghazlet li tibqa' inadempjenti. Ghalhekk, is-socjeta' rikorrenti llum ma fadlilha ebda ghazla ohra ghajr illi tirrikorri ghar-rimedji gudizzjarji spettanti lilha biex tissalvagwardja d-drittijiet taghha qua proprjetarja tal-imsemmija trademarks, biex tipprotegi r-reputazzjoni li jgawdu minnha l-istess trademarks, u biex twaqqaf lis-socjeta' intimata milli tkompli tapprofitta illecitament, inkluz b'mod finanzjarju, mill-istess reputazzjoni;*

29. *Illi waqt li s-socjeta' rikorrenti ghandha kull intenzjoni li tistitwixxi proceduri gudizzjarji quddiem dina l-istess Onorabbli Qorti fuq il-mertu tal-vertenza in dizamina, is-socjeta' rikorrenti qieghda permezz tal-intavolar tar-rikors odjern tipprevalixxi ruhha mir-rimedju spettanti lilha ai termini tal-Artikolu 8(1)(a) tal-Att li jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali (Kapitolu 488 tal-Ligijiet ta' Malta), ghaliex thoss li huwa necessarju li titlob projbizzjoni b'mod urgenti, dejjem b'mod provvizjorju f'dan l-istadju, in konnessjoni mal-imsemmija vjolazzjonijiet tad-drittijiet taghha qua propjetarja tat-trademarks suriferiti, u dana sabiex l-istess socjeta' rikorrenti tkun tista' tipprotegi l-interessi taghha provvizorjament kontra aktar hsara irrimedjabbli li tista' ssofri, kemm mil-lat finanzjarju kif ukoll fir-rigward tar-reputazzjoni tad-ditti u t-trademarks taghha, matul il-proceduri fuq il-mertu li ser jigu istitwiti b'mod imminenti, bhala konsegwenza diretta tal-agir illecitu da parte tas-socjeta' intimata;*

Rat **id-dokumenti** li kienu prezentati mar-rikors, minn DOK A sa DOK Q, inkluz mid-dikjarazzjoni guramentata tarr-rikorrent noe.

**Ikkunsidrat**:

Illi din hija azzjoni mressqa mis-socjeta` rikorrent ai termini tal-**Artiklu 8(1) tal-KAP 488** tal-Ligijiet ta' Malta.

## L-Artiklu 8(1) tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta

*Kull persuna msemmija fl-artikolu 3 tista' permezz ta'rikors titlob lill-Qorti :*

*(a) toħroġ kontra min ikun qiegħed allegatament jikkommetti l-ksur ta' dritt ta' proprjetà intellettwali, digriet li jkun intiż biex jipprevjeni kull ksur imminenti ta' dritt ta' proprjetà intellettwali bħal dak, jew li jipprojbixxi, fuq bażi provviżorja u, fejn ikun adatt, bla ħsara għal ħlas ta' penali li jista' jsir għal diversi drabi fejn ikun hemm provdut dwar dan skont il-liġi, milli jitkompla jseħħ kull tali ksur allegat ta' dak id-dritt, jew li tagħmel dik it-tkomplija soġġetta għal garanziji li jkunu intiżi biex jiżguraw li jingħata kumpens lid-detentur tad-dritt. Tista' wkoll tinħareġ projbizzjoni interlokutorja, taħt l-istess kondizzjonijiet, kontra kull intermedjarju li jkollu s-servizzi tiegħu qegħdin jiġu użati minn terzi hekk li dawn ikunu jiksru dritt ta' proprjetà intellettwali;*
*(b) jordna l-qbid jew il-kunsinna tal-oġġetti li jkunu suspettati li qegħdin jiksru d-dritt ta' proprjetà intellettwali.*

Il-Qorti qieset u fliet sewwa dan il-provvediment tal-ligi li fuqu hija msejjsa t-talba odjerna.

Il-Qorti hadet konjizzjoni tar-Rikors, inkluz mid-dokumenti voluminuzi pprezentati, minn fejn jirrizulta, in succint,is-segwenti:

Illi s-socjeta' rikorrenti hija kumpanija imwaqqfa fir-Renju Unit u topera fis-settur ta' online gambling. Hija ilha ghal dawn l-ahhar ghoxrin sena toffri s-servizzi taghha gewwa r-Renju Unit kif ukoll f'pajjizi li huma Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, inkluz f'Malta. Jiha tifforma parti minn grupp ta' kumpanniji bl-isem ta' Entain Group, grupp attiv hafna fis-settur ta' sports betting and gaming.

Illi hija proprjetarja ta' numru ta' trademarks in konnessjoni mad-ditta taghha 'FOXY', maghrufa globalment fis-settur ta' online gambling, u b'mod partikolari is-siti elettronici 'FOXY BINGO', u 'FOXY GAMES' gja 'FOXY CASINO'. Dawn jinkludu il-kliem 'FOXY', 'FOXY BINGO, and 'FOXY GAMES', kif ukoll diversi trademarks figurattivi, inkluz ta' karattru

li jiehu l-forma tal-volpi antropomorfiku  , magħruf bħala 'FOXY', li jservi bħala l-maskot użat fis-siti elettroniċi ta' online gambling u l-pjattaformi relatati.

Illi s-soċjeta' rikorrenti ilha tuża dawn it-trademarks għal dawn l-aħħar sbatax-il (17) sena u ħadmet sabiex tibni u tespandi din id-ditta li llum hija magħrufa globalment bħala waħda mill-aktar ditti prominenti u rikonoxxibbli fis-suq ta' online gambling kemm fir-Renju Unit kif ukoll fl-Istati Membri ta' Unjoni Ewropea. Tgħid illi l-fuq minn tlett mitt elf (300,000) gugatur żaru s-siti elettroniċi fis-sena elfejn u wieħed u għoxrin (2021).

Telenka t-trademarks relevanti proprjeta' tagħha kif registrati mal-Uffiċju tal-Unjoni Ewropea għall-Proprjeta' Intelletwali (l-'EUIPO'), bħala s-segwenti:

- It-trademark tal-Unjoni Ewropea bin-numru 011866639 li jikkonsisti fil-kelma (word mark) 'FOXY', irreġistrat nhar l-erbgħa (4) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), klassifikazzjonijiet internazzjonali 9 u 41 skont il-Ftehim ta' Nizza, hekk kif jirriżulta mill-estratt tar-Reġistru tal-Unjoni Ewropea għat-Trademarks **Dok. F;**

- It-trademark tal-Unjoni Ewropea bin-numru 005475652 li jikkonsisti fil-kliem 'FOXY BINGO', irreġistrat nhar il-ħmistax (15) ta' Novembru tas-sena elfejn u sebgħa (2007), klassifikazzjonijiet internazzjonali 9, 41, u 42 skont il-Ftehim ta' Nizza, hekk kif jirriżulta mill-estratt tar-Reġistru tal-Unjoni Ewropea għat-Trademarks **Dok. G;**

- It-trademark tal-Unjoni Ewropea bin-numru 011866738 ossia t-trademark figurattiv taħt l-isem 'Foxy Bingo.com', irreġistrat nhar il-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u tlettax (2013), klassifikazzjonijiet internazzjonali 9, 38, 41, u 42 skont il-Ftehim ta' Nizza, hekk kif jirriżulta mill-estratt tar-Reġistru tal-Unjoni Ewropea għat-Trademarks **Dok. H**;

- It-trademark tal-Unjoni Ewropea bin-numru 018014699 ossia t-trademark figurattiv , irregistrat nhar it-tlieta (3) ta' Settembru tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), klassifikazzjonijiet internazzjonali 9 u 41 skont il-Ftehim ta' Nizza, hekk kif jirrizulta mill-estratt tar-Registru tal-Unjoni Ewropea ghat-Trademarks **Dok. I**;

- It-trademark tal-Unjoni Ewropea bin-numru 018014704 ossia t-trademark figurattiv , irregistrat nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Awwissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020), klassifikazzjonijiet internazzjonali 9 u 41 skont il-Ftehim ta' Nizza, hekk kif jirrizulta mill-estratt tar-Registru tal-Unjoni Ewropea ghat-Trademarks **Dok. J**;

- It-trademark tal-Unjoni Ewropea bin-numru 18014705 ossia t-trademark figurattiv , irregistrat nhar il-hamsa u ghoxrin (25) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019), klassifikazzjonijiet internazzjonali 9 u 41 skont il-Ftehim ta' Nizza, hekk kif jirrizulta mill-estratt tar-Registru tal-Unjoni Ewropea ghat-Trademarks **Dok. K**;

Is-socjeta' rikorrenti ssostni illi giet a konoxxenza tal-fatt li s-socjeta' intimata, li topera fl-istess suq tas-socjeta` rikorrenti, minghajr il-kunsens taghha, qeghda illecitament u abbuzivament tuzufruwixxi ruhha minn numru ta' marki konessi mal-online casino game offruta mill-istess socjeta' rikorrenti bl-isem 'Foxy Wild Heart' fuq is-sit elettroniku taghha https://www.bgaming.com/games/foxy-wild-heart/ (estratti ta' liema huma hawn annessi u mmarkati bhala **Dok. L** sa **Dok. P**), liema uzu jammonta ghal numru ta' vjolazzjonijiet lampanti tad-drittijiet ta' proprjeta` intellettwali appartenenti lilha bhala propjetarja tat-trademarks suriferiti.

Hija ssostni illi tali vjolazzjonijiet jikkonsistu senjatement fis-segwenti:

- L-uzu ta' markju li jikkonsisti fi kliem (word mark) identiku ghat-trademark proprjeta' taghha li jikkonsisti fil-kelma 'FOXY' in konessjoni mal-online casino game 'Foxy Wild Heart', sia b'mod izolat u sia bhala parti mill-isem 'Foxy Wild Heart';

- L-uzu tal-markju 'Foxy Wild Heart' bhala l-isem tal-online casino game operata minnha fuq is-sit elettroniku taghha stante illi tali uzu b'mod innegabbli jgib mieghu il-probabbilta' ta' konfuzjoni u/jew assocjazzjoni da parte tal-pubbliku mat-trademarks suriferiti proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti relatati mad-ditta 'FOXY';

- L-uzu tal-markju figurattiv ta' karattru ta' volpi antropomorfiku 

(jew l-uzu ta' numru ta' markji relatati mal-istess karattru) li qieghed jintuza bhala l-maskot tal-online casino game 'Foxy Wild Heart' stante illi tali markju figurattiv huwa kwazi identiku u ferm simili ghall-karattru ta' volpi antropomorfiku maghruf bhala 'FOXY' (vide t-trademarks figurattivi suriferiti inkluz inter alia  ) li jservi bhala l-maskot tad-ditta 'FOXY' u jintuza inter alia fuq is-siti elettronici tal-online gambling 'FOXY BINGO' u 'FOXY GAMES'[27], fuq liema volpi antropomorfiku hija l-proprjetarja ta' numru ta' trademarks figurattivi, hekk kif spjegat fir-rikors. L-uzu ta' tali karattru ossia l-karattru ta' volpi antropomorfiku 

u l-markji kollha l-ohra, jekk hemm, assocjati ma' tali karattru bla dubju jgibu maghhom il-probabbilta' ta' konfuzjoni u/jew assocjazzjoni da parte tal-pubbliku mat-trademarks figurattivi suriferiti relatati mad-ditta 'FOXY' li huma proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti.

Is-socjeta' rikorrenti telenka l-mod kif hija qed thossha ingurjata bl-agir tas-socjeta' intimata, u tghid illi hija nterpellat lis-socjeta' intimata diversi drabi sabiex twaqqaf l-uzu tal-markji suriferiti, izda l-istess socjeta' intimata ghazlet li tibqa' inadempjenti. Hija tghid illi hadet din il-procedura spedjenti u kawtelatorja u ghandha kull intenzjoni li tistitwixxi proceduri

[27] https://www.foxybingo.com/ u https://www.foxygames.com/.

gudizzjarji quddiem dina l-istess Onorabbli Qorti fuq il-mertu tal-vertenza. Issostni illi ai termini tal-Artikolu 8(1)(a) tal-Att li jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali (Kapitolu 488 tal-Ligijiet ta' Malta), ghaliex thoss li huwa necessarju li titlob projbizzjoni b'mod urgenti, dejjem b'mod provvizjorju f'dan l-istadju, in konnessjoni mal-imsemmija vjolazzjonijiet tad-drittijiet taghha qua propjetarja tat-trademarks suriferiti, qed tressaq l-odjern rikors u dana sabiex l-istess socjeta' rikorrenti tkun tista' tipprotegi l-interessi taghha provvizorjament kontra aktar hsara irrimedjabbli li tista' ssofri, kemm mil-lat finanzjarju kif ukoll fir-rigward tar-reputazzjoni tad-ditti u t-trademarks taghha, matul il-proceduri fuq il-mertu li ser jigu istitwiti b'mod imminenti, bhala konsegwenza diretta tal-agir illecitu da parte tas-socjeta' intimata.

Is-socjeta' rikorrenti tikkontendi illi hija gustifikata titlob dan ai termini tal-Artikolu 8(1)(a) tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fliet ukoll is-sub-incizi l-ohra tal-istess Artiklu 8 tal-KAP 488, u tiddikjara illi hija tinsab sodisfatta illi gew sodisfatti ir-rekwiziti necessarji mill-ligi biex hija tilqa' it-talba hawn maghmula. Hekk per ezempju illi bid-dokumenti annessi, il-Qorti hija ragjonevolment sodisfatta illi s-socjeta` rikorrenti hija d-detentur ta' drittijiet minnha pretizi[28].

Ulterjorment, minn dak mressaq mis-socjeta` rikorrenti, il-Qorti jidhrilha[29] illi kull dewmien jista' biss jikkaguna hsara lid-detentur tad-dritt li ma jissewwiex u huwa ghalhekk ukoll illi qed tghaddi biex tilqa' t-talba.

Dan kollu pero` qed jinghad u qed isir bla pregudizzju ghal kwalsiasi dritt iehor illi kwalsiasi parti jista' ghandha ai termini ta' xi sub-inciz iehor tal-artiklu 8 tal-KAP 488.

Irid jinghad b'mod car u inekwivoku illi dan ma jfissirx illi din il-Qorti qeghda b'xi mod tesprima ruha fuq il-mertu jew il-pretensjonijiet illi talvolta tista' ghad trid tavvanza is-socjeta` rikorrenti fil-mertu, kif inoltre` gja minnha dikjarat.

**GHALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provi mressqa u tal-provvedimenti relatati u hawn fuq diskussi tal-KAP 488 tal-Ligijiet ta' Malta u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, jidhrilha illi jkun giust u ekwu illi **fuq bazi provvizorja, a tenur tal-Artikolu 8(1)(a) tal-Att li jirregola l-Infurzar ta' Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali (Kapitolu 488 tal-Ligijiet ta' Malta), tipprojbixxi**

---

[28] Sub-inciz 3

[29] Sub-inciz 4

**lis-socjeta' intimata milli tkompli tikser id-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali tas-socjeta' rikorrenti qua propjetarja tat-trademarks registrati fl-Unjoni Ewropea li jghajtu n-numri ta' registrazzjoni 011866639 u/jew 005475652 u/jew 011866738 u/jew 018014699 u/jew 018014704 u/jew 18014705, u dan partikolarment billi tipprojbixxi lis-socjeta intimata milli tkompli taghmel uzu**

**(i) mill-markju 'FOXY' (sia b'mod izolat u sia bhala parti minn 'Foxy Wild Heart');**
**(ii) mill-markju 'Foxy Wild Heart'; u**
**(iii) (iii) mill-markju figurattiv** 


**jew minn kwalsiasi markju figurattiv iehor tal-istess volpi antrpomorfiku bl-isem 'Foxy', in konnessjoni mas-servizzi ta' online gambling provduti mis-socjeta intimata permezz tas-sit elettroniku [https://www.bgaming.com/games/foxy-wild-heart/ u/](https://www.bgaming.com/games/foxy-wild-heart/)jew in konnessjoni ma kwalsiasi servizz jew prodott iehor offrut mis-socjeta' intimata relatat mas-settur ta' online gambling.**

**Il-Qorti qed tordna ukoll n-notifika tal-atti odjerni a spejjes tar-rikorrenti noe, allura ir-rikors promotur bid-dokumenti annessi u l-provvediment odjern, lis-socjeta` intimata "minghajr ebda dewmien wara l-ezekuzzjoni tal-mizuri" hawn fuq msemmija, ai termini tal-Artiklu 8(4) tal-KAP 488.**

Bl-ispejjes ta' dawn il-proceduri li qed jigu rizervati.

**Digriet Kamerali** moghti llum l-1 ta' Marzu 2023.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
Imhallef

Deputat Registratur